**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

CCT/38/16/S

Violet Galea
Vs
Joe Caruana f'isem il-kooperattiva 'Motor Towing Cooperative'

Illum 1 ta'Diċembru,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Violet Galea pprezentata fid-9 ta'Frar,2016 u r-risposta ta' Joe Caruana f'isem il-kooperattiva 'Motor Towing Cooperative' ipprezentata fid-19 ta'Frar,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lill-partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda talba ghal rimbors daparti tar-rikorrenti wara tqabbad persuna biex jiftah il-vettura minhabba li l-istess rikorrenti kienet ghalqet ic-cwievet gewwa l-vettura taghha. Min-naha taghha il-kooperattiva intimata sahqet li hi mxiet mal-polza taghha u mal-kundizzjonijiet tas-shubija;

Illi jinghad mal-ewwel li l-kooperattiva intimata ghamlet riferenza ghall-kundizzjonijiet u t-termini tal-polza li tirregola s-servizz u partikolarment ghal klawsola 15. Din hija klawsola 21 fuq 'brochure'[1];

Illi din il-klawsola tghid li "*should it be the case that the procedure cannot be completed due to dead lock devices and/or other modifications for security reasons, the vehicle will be towed for free*";

Illi mix-xhieda mressqa quddiem dan it-Tribunal, jirrizulta li l-vettura tar-rikorrenti kellha 'deadlock device' li skont id-direttur tal-kooperattiva intimata, jaghmilha difficli biex tinfetah il-bieba tal-vettura;

Illi anki r-rikorrenti ammettiet li l-haddiem tal-kooperattiva ipprova jiftah il-vettura taghha pero ma rnexxilux[2];

Illi mill-provi mressqa, jidher li l-kooperattiva intimata ghamlet dak kollu li obbligata taghmel skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Violet Galea filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Joe Caruana f'isem il-kooperattiva 'Motor Towing Cooperative', b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[1] Dok JC1 ipprezentat waqt is-seduta tas-6 t'Ottubru,2016.
[2] Xhieda ta' Violet Galea moghtija fis-seduta tal-5 ta'Mejju,2016.